

Brussell, 17 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8387/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0113 (COD)

TRANS 166
CODEC 640

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/ Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 5903/2/18 REV 2 TRANS 55 CODEC 148
Nru dok. Cion:	ST 9669/17 TRANS 213 CODEC 924
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq – Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni li tiġi emendata d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (id-"[Direttiva dwar il-Vetturi Mikrija](#)"), ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni f'Mejju 2017. Il-proposta hija parti mill-pakkett dwar il-mobilità "L-Ewropa attiva" u hija marbuta mar-regoli l-ġodda dwar l-aċċess għall-professjoni u l-aċċess għat-trasport tal-merkanzija.

Id-Direttiva 2006/1/KE kkodifikat ir-regoli preċedenti u pprevediet livell minimu ta' ftuħ tas-suq għall-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Fil-kuntest ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-impriżi tagħhom, bil-għan li tiġi ttrasportata merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri, jużaw il-vetturi mikrija bl-istess kondizzjonijiet tal-vetturi li huma proprjetà tagħhom dment li l-vetturi mikrija jkunu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-liġijiet ta' pajjiżhom.

Madankollu, id-Direttiva:

- tippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu l-użu ta' vetturi mikrija għat-trasport tal-merkanzija b'piż gross tal-vettura li jaqbeż is-sitt tunnellati għal operazzjonijiet proprji ta' trasport;
- tillimita l-użu ta' vetturi mikrija fi Stat Membru differenti minn dak li fih l-impriża li tikri l-vettura tkun stabbilita.

Il-Kummissjoni tipproponi li tiġi emendata d-Direttiva 2006/1/KE prinċipalment biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet eżistenti u jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi u ċar, fejn l-operaturi tat-trasport fl-UE kollha jingħataw aċċess indaqs għas-suq għall-vetturi mikrija.

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Cláudia Monteiro de Aguiar (PPE, PT) bħala rapporteur. Il-Kumitat TRAN iddiskuta l-abbozz ta' rapport fit-23 ta' Jannar 2018 u mistenni jieħu vot dwaru fl-24 ta' Mejju 2018.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2017 u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fl-1 ta' Frar 2018.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

Il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2006/1/KE, u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, ġew ippreżentati mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art f'Ġunju 2017. Wara skambju inizjali ta' fehmiet dwar il-proposta u l-eżami tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda jeżamina l-proposta artikolu wara l-ieħor.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art iltaqa' diversi drabi biex jiddiskuti din il-proposta, jiġifieri fis-7 ta' Lulju, fil-11 ta' Ottubru u fis-6 ta' Novembru 2017; fis-26 ta' Frar, fl-20 ta' Marzu u fl-24 ta' April 2018. Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza hija riflessa fl-Anness għal din in-nota.

III. KWISTJONIJIET PRINĊIPALI

i) Erożjoni tad-dħul mit-taxxa fuq il-vetturi

Waħda mill-kwistjonijiet ewlenin fin-negozjati fi ħdan il-Kunsill kienet it-tħassib ta' xi Stati Membri dwar l-erożjoni tad-dħul mit-taxxa fuq il-vetturi. Fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni, filwaqt li l-Istati Membri xorta waħda jistgħu jillimitaw l-użu ta' vettura mikrija fi Stat Membru differenti minn dak li fih l-impriża li tikri tkun stabbilita, huma jkollhom jippermettu li tintuża għal mill-inqas erba' xhur. Dan il-perijodu jagħti lill-kumpanniji tat-trasport żmien biżżejjed biex jilħqu d-domanda massima jew staġonali u biex jissostitwixxu l-vetturi difettużi. Madankollu, ir-rati tat-taxxa fuq il-vetturi jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-UE u xi Stati Membri kienu mħassba dwar l-idea li vettura mikrija li tiċċirkola fit-territorji tagħhom għal diversi xhur mingħajr ma titħallas xi taxxa ta' reġistrazzjoni.

Biex tindirizza din il-kwistjoni, il-Presidenza pproponiet test li jippermetti lill-Istati Membri, fit-territorji tagħhom:

- jillimitaw il-kuntratti tal-kiri tal-vetturi konklużi mill-impriżi tat-trasport għal perijodu ta' 30 jum konsekuttiv f'sena kalendarja partikolari,
- jillimitaw il-proporzjon ta' vetturi mikrija fil-flotot globali tal-vetturi ta' proprjetà (25% tal-vetturi),
- jinkludu fir-rapport li ser jitressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ħames snin wara d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva, valutazzjoni tal-impatt tal-implimentazzjoni tagħha fuq id-dħul mit-taxxa, fost kwistjonijiet oħra.

Xi Stati Membri jippreferu jżommu l-paragrafu 1a tal-Artikolu 2 peress li jinsab fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni, li jippermetti li l-perijodu totali tal-kiri ta' vettura jiġi limitat temporanjament għal erba' xhur f'każijiet fejn il-vettura u l-impriża ma jkunux mill-istess Stat Membru. Dan il-paragrafu tħassar mit-test ta' kompromess taħt il-Presidenza Estonjana u l-Presidenza Bulgara ddeċidiet li tapprova li jitħassar, peress li kien hemm l-appoġġ mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Il-kompromess tal-Presidenza jidher li huwa aċċettabbli għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Huwa joħloq distinzjoni bejn sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru jippermetti fit-territorju tiegħu l-użu ta' vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (Artikolu 2(1)(a)), u sitwazzjonijiet li fihom l-Istat Membru jippermetti l-użu ta' vettura mikrija li tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' Stat Membru ieħor minn impriżi stabbiliti fit-territorju tiegħu (Artikolu 3(2)).

ii) Operazzjonijiet proprji ta' trasport

Fil-qafas tad-Direttiva l-ġdida proposta, l-Istati Membri ma jibqax ikollhom il-possibbiltà li jirrestrinġu l-użu ta' vetturi mikrija b'massa totali ta' aktar minn sitt tunnellati għall-operazzjonijiet proprji ta' trasport. Il-maġġoranza tal-Istati Membri m'għadhomx jużaw din id-deroga, u għalhekk il-kompromess tal-Presidenza approva l-proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

iii) Kontroll tal-kabotaġġ illegali u skambju tal-informazzjoni

Diversi delegazzjonijiet kienu mħassba dwar iż-żieda fl-użu ta' vetturi mikrija fl-operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Biex jittejjeb l-infurzar u jiġi kkontrollat il-kabotaġġ illegali, il-Presidenza tippromovi premessa li tirrifletti t-tibdiliet proposti għar-Regolament Nru 1071/2009, skont liema l-operaturi għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li fihom ikunu stabbiliti bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' kull vettura disponibbli għalihom biex dik l-informazzjoni tkun tista' tiddaħħal fir-reġistru nazzjonali elettroniku.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden japprova t-test ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza u li jinsab fl-Anness għal din in-nota bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill TTE tas-7 ta' Ġunju 2018.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tipprevedi livell minimu ta' ftuħ tas-suq għall-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (verżjoni kodifikata) (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

- (2) L-użu ta' vetturi mikrija jista' jnaqqas l-ispejjeż ta' impriżi li jittrasportaw merkanzija fisimhom jew fisem ħaddieħor, u fl-istess ħin iżid il-flessibbiltà operattiva. Għalhekk, dan jista' jagħti kontribut għal żieda fil-produttività u fil-kompetittività tal-impriżi kkonċernati. Barra minn hekk, peress li hemm it-tendenza li l-vetturi mikrija jkunu inqas antiki mill-flotta medja, dawn ukoll ikunu aktar sikuri u jniġġsu inqas.
- (3) Id-Direttiva 2006/1/KE ma tippermettix li l-impriżi jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi li jgħib miegħu l-użu ta' vetturi mikrija. Dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu l-użu mill-impriżi **stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom** ta' vetturi mikrija b'piż mgħobbi permissibbli massimu ta' mhux aktar minn sitt tunnelli għal operazzjonijiet tat-trasport fisimhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jippermettu l-użu ta' vettura mikrija fuq it-territorji rispettivi tagħhom jekk il-vettura tkun ġiet irreġistrata jew tkun iddaħħlet fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura.
- (4) Sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod aħjar mill-vantaġġi tal-użu ta' vetturi mikrija, jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jużaw vetturi mikrija fi kwalunkwe Stat Membru, u mhux biss f'dak li fih ikunu stabbiliti. Dan kieku jagħmilha aktar faċli għalihom biex b'mod partikolari jlaħħqu maż-żieda fid-domanda temporanja jew staġjonali, tul perjodu qasir, jew biex jissostitwixxu vetturi difettużi jew bil-ħsara.
- (4a) Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jirrestrinġu fit-territorji rispettivi tagħhom l-użu ta' vettura mikrija minn impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, dment li l-vettura tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru u, jekk tkun vettura li teħtieġ kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja tal-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, tkun awtorizzata li tintuża mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża permezz ta' din il-kopja awtentika ċċertifikata.**

- (5) Il-livell ta' tassazzjoni fuq it-trasport bit-triq għadu jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni. Għaldaqstant, ċerti restrizzjonijiet, li jaffettwaw ukoll b'mod indirett il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-kiri ta' vetturi, jibqgħu ġustifikati sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fiskali. Bħala riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jillimitaw it-tul ta' żmien li fih **l-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom jistgħu jużaw vettura mikrija rreġistrata jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni fi Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li huma jitħallew jillimitaw l-għadd ta' tali vetturi li jinkrew minn impriża stabbilita fit-territorji rispettivi tagħhom.**
- (5a) Sabiex jittejjeb l-infurzar ta' restrizzjoni fuq l-użu ta' vettura mikrija li tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-liġijiet ta' Stat Membru għajr dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri, jenħtieġ li Stat Membru jitħalla jitlob li t-tul tal-kuntratt tal-kiri ma jaqbiżx it-tul ta' żmien permess għall-użu tal-vettura kkonċernata. Barra minn hekk, il-validità tal-kopji ċċertifikati tal-liċenzja tal-Komunità maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tista' tkun limitata għall-perijodu li jikkorrispondi mat-tul tal-kuntratt tal-kiri. Barra minn hekk, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura mikrija jista' jkun indikat fuq dawn il-kopji ċċertifikati.
- (5b) Jenħtieġ li ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi mikrija ma tkunx ta' xkiel għall-kontroll tal-legalità tal-operazzjonijiet li jsiru mill-operaturi fl-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, jenħtieġ li l-operaturi jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' kull vettura għad-dispożizzjoni tagħhom, sabiex din l-informazzjoni tkun tista' tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali.* Dak ir-Regolament jipprevedi l-aċċessibilità għad-data li tinsab fir-reġistri nazzjonali elettroniċi mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra; jenħtieġ li r-reġistri nazzjonali elettroniċi jippermettu tfittxija mmirata fir-rigward tal-vetturi bi pjanċa tal-vettura għajr dik maħruġa mill-Istat Membru ta' stabbiliment.

* Nota: B'riferiment għall-Artikolu 16 tar-Regolament (Nru) 1071/2009 b'kont meħud tal-estensjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi rreġistrata kif propost mill-Kummissjoni.

- (6) Sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport f'isimhom jitwettqu b'mod aktar effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jitħallewx jirrestrinġu l-possibbiltà li vetturi mikrija jintużaw għal operazzjonijiet ta' dan it-tip.
- (7) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni u tiddokumentahom f'rapport. **Ir-rapport għandu jagħti attenzjoni speċjali għal jekk din id-Direttiva rriżultatx fl-użu ta' vetturi eqdem jew ta' ċerti tipi ta' vetturi u b'hekk kellhiex effett fuq is-sikurezza fit-toroq u jekk kellhiex diffikultajiet b'rabta mal-infurzar, inkluż l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ.** Jenħtieġ li kull azzjoni futura f'dan il-qasam tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' dak ir-rapport.
- (8) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri wehdom iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport bit-triq u l-kwistjonijiet li din id-Direttiva għiet maħsuba biex tindirizza, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà skont kif ġie stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2006/1/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/1/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"Kull Stat Membru għandu jippermetti li fit-territorju tiegħu jintużaw vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor sakemm:";

(ii) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-vettura tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru u, **għall-vetturi li jeħtieġu kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja tal-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, li jkunu awtorizzati li jintużaw mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża.**"

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-impriżi **stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom** ikunu jistgħu jużaw vetturi mikrija għat-trasport tal-merkanzija bit-triq taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għall-vetturi li jkunu proprjetà tagħhom, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.
2. **Meta l-vettura mikrija tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża jista':**
 - a) **jillimita ż-żmien tal-użu tal-vettura mikrija fit-territorju rispettiv tiegħu dment li jippermetti l-użu tal-vettura mikrija mill-istess impriża għal perijodu ta' 30 jum konsekuttiv fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari; f'dan il-każ jista' jkun meħtieġ li l-kuntratt tal-kiri ma jdumx aktar mil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Istat Membru;**
 - b) **jillimita l-għadd ta' vetturi mikrija li jistgħu jintużaw minn impriża dment li jippermetti l-użu ta' għadd minimu ta' vetturi. Dan l-għadd minimu huwa mill-inqas 25% tal-flotta tal-vetturi tal-merkanzija proprjetà tal-impriża fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel it-talba għal awtorizzazzjoni għall-użu tal-vettura mikrija. F'każ li impriża jkollha flotta ġenerali ta' aktar minn vettura waħda u inqas minn erba' vetturi, għandu jkun permess l-użu ta' mill-inqas waħda minn tali vetturi mikrija."**

(3) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"Artikolu 5a

Sa mhux aktar tard minn [OP: please insert the date calculated 5 years after the deadline for transposition of the Directive], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-użu tal-vetturi mikrija fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura. **Ir-rapport għandu jeżamina wkoll l-impatti fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq id-dħul mit-taxxi u fuq l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009.** Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta huwiex meħtieġ li jiġu proposti miżuri addizzjonali."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idañħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [OP: please insert the date calculated 18 months following the entry into force]. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Għall-Kunsill*

Il-President

Il-President
